Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles.Melit.**

**Illum, it-18 ta' Marzu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Versus**

**Domenica Fenech**
**(453362M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoniiet migjuba kontra Domenica Fenech, detentrici tal-karta tal-identita numru **453362M**

Akkuzata talli nhar l-14 ta' Settembru 2020 ghall-habta ta' 08.50am gewwa Hal-Kirkop;

1. Ingurjat, heddet b'mod mhux insemmija band'ohra f'dan il-kodici jew jekk kienet provokata, ingurjat b`mod li harget barra mill-limitu tal-provokazzjoni lil Mariella Micallef (Kap 9 Artiklu 339(e)).

2. Volontarjament kissret il-paci pubblika b`ghajjat u storbju. (Kap 9, Artiklu 338 (dd))

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta` Mariella Micallef skond il-provedimenti tal-Art 383 Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet Mariella Micallef, charge nurse gewwa Kirkop Health Centre, fejn qalet illi fl-14 ta' Settembru 2020 waqt illi kienet go kamra vicin ir-*reception*, x'hin ghaddiet l-imputata qalet 'ara s-sinjura' u hi harget mill-kamra ghax m'gharfithiex u saqsietha riditx tghidilha xi haga. L-imputata qabdet tghajjat u tghajjarha li hi kissret il-familja tat-tifel taghha, quddiem in-nies, fir-reception mimlija nies. Ix-xhud kompliet tghid li Jessica Fenech, li hija l-mara tat-tifel, kienet tahdem maghha. Ix-xhud kompliet tghid li l-imputata ghajritha xkupa u kerha ghax Ghawdxija u aggettivi ohra li ma setghetx tiftakarhom. Din ma kinitx l-ewwel darba li ghamlet xenata. Ix-xhud qalet lil imputata, li hi kellha dritt twaqqafha milli tmur tiehu servizz fil-health centre, jekk terga' tigri darb'ohra. Ma kienx hemm incidenti ohra wara dan l-incident gol-health centre, ghalkemm meta kienu jkunu barra jiehdu kafe', l-imputata kienet tghaddi u tpoggi hdejhom u kienet tipprova tintimidha.

Illi xehdet Angele Barta, fejn qalet illi hi tahdem bhala nurse il-Health Centre ta' Kirkop, u fl-14 ta' Settembru 2021, kienet f'kamra mal-kollegi taghha, u Domenica l-imputata, ghaddiet minn fejn il-bieb u qalet 'ara s-sinjura' u Mariella staqsietha jekk kellhiex bzonn xi haga. Domenica wegbitha li kienet kissret l-familja tat-tifel taghha, u baqghet miexja tghid l-istess kliem b'vuci gholja quddiem hafna nies li kienu fil-waiting area. Ix-xhud qalet li ma tiftakarx x'izjed bdiet tghid, izda kulhadd beda jsikkitha u fil-fatt tas-security harigha 'l barra.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, l-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputata ma gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed ssib lill-imputata mhux hatja ta' l-akkuzi migjuba kontriha u qed tilliberaha minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat